MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2010

Appell Civili Numru. 14/2008/1

**Julius Sciberras**
**u Carmen Sciberras**
**v.**

**Kishichand Mohnani**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

Dan hu provvediment dwar ir-rikors tat-18 ta’ Ottubru 2010 tal-intimat appellant li bih wara li ppremetta illi fil-15 ta’ Ottubru 2010 huwa kien sab dokument li jikkonferma t-tesi tieghu rigward il-fatt li s-somma pretiza mill-appellat effettivament tinkludi imghaxijiet komposti u li kien ghamel

kuntatt immedjat mal-book-keeper u mad-difensur tieghu in materja tas-sejbien tal-dokument KM8 konsistenti f’komputazzjoni mahduma u miktuba mill-appellat relattivament ghas-sena 2000 fejn hu indikat xhar wara xahar l-imghax dekors matul kull xhar u li jinkludi fil-gran parti imghaxijiet komposti ossija usura, talab illi din il-Qorti tawtorizzah jipproduci d-dokument KM8 imsemmi anness mal-istess rikorsf’dan l-istadju u dan skond dak li jinghad fl-Artikolu 150(1)(a) u/jew (d) u ukoll skond is-subinciz (b) tal-istess disposizzjoni f’kaz li din il-Qorti tkun sodisfatta mill-htiega jew mill-utilita’ li jkollha l-anness dokument quddiemha.

Rat li fis-seduta quddiem din il-Qorti tad-19 ta’ Ottubru 2010 Dr. Edward Debono ghall-appellat, intimat f’ir-rikors imsemmi tat-18 ta’ Ottubru 2010, ta ruhu b’notifikat bl-istess rikors u wara li inghata kopja tal-istess rikors waqt is-seduta ir-rikors gie trattat mid-difensuri tal-partijiet dakinhar stess u l-kawza giet differita ghal llum ghall-provvediment.

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Ghalkemm ir-rikorrent, l-intimat appellant, jinvoka fir-rikors tieghu imsemmi l-artikou 150, l-istess rikorrent ma jispecifikax ta’ liema ligi izda jidher evidenti li qieghed jinvoka l-artikolu 150 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civil li jipprovdi, fil-partijiet relevanti tieghu, kif gej:

“150. (1) Meta dokument ma jigix migjub kif stabbilit flartikolu 145, dan id-dokument jista’ jingieb biss -

(*a*) meta, ghad li wiehed ikun ghamel hiltu, ma setax ikollu d-dokument qabel il-prezentata ta’ l-att li mieghu kien imissu jingieb, u l-prezentata ta’ dak l-att ma setghatx, bla hsara, tithalla ghal wara; jew

(*b*) meta l-qorti tkun sodisfatta mill-htiega jew mill-utilità li jkollha d-dokument quddiemha:

Izda, f'kull kaz bhal dan, il-qorti tista', fil-qtugh ta' l-ispejjez tal-kawza, tiehu qies tad-dewmien li bih gie migjub id-dokument; jew

(*c*) - omissis -

(*d*) meta jigi ppruvat, b'gurament jew xort'ohra, li l-parti li ggib id-dokument, ma kinitx taf bih, jew ma setghatx, bil-mezzi li taghti l-ligi, iggibu fiz-zmien li jmiss; jew

(*e*) - omissis -

(*f*) – omissis -

(2) Izda, f'kull stadju tal-kawza li fih jinqala' l-bzonn, jistghu jsiru t-talbiet li jinhtiegu dwar kwistjonijiet kollaterali.

L-artikolu 145 li ghalih jaghmel riferenza l-artikolu 150 fuq citat jipprovdi:

"145. Mar-rikors, mat-twegiba u mar-replika, ghandhom jingiebu d-dokumenti li jkunu jsahhu t-talbiet tal – wiehed jew l-eccezzjonijiet ta' l-iehor."

Il-Qorti ma hix sodisfatta li r-rikorrent ghamel hiltu sabiex ikollu d-dokument esibit mar-rikors qabel il-prezentata tar-rikors tieghu tal-appell meta evidentement l-istess rikors ma setax bla hsara ghalih jithalla ghal wara u ghalhekk il-kondizzjonijiet tal-paragrafu (a) tal-artikolu 150(1) ma humiex sodisfatti u t-talba tar-rikorrent ghalhekk ma tistax tintlaqa' fuq il-bazi ta' dak il-paragrafu. Di fatti d-dokument in kwistjoni jidher li kien fil-pussess tar-rikorrent ta' l-anqas mill-1 ta' Jannar tas-sena 2001 u cioe' mid-data tal-iskrittura a fol 4 tal-process u li fiha tidher is-somma tal-kapital pretiz mir-rikorrenti appellanti li tikkorrispondi mat-total tal-kapital finali komputat skond id-Dok KM8 anness mar-rikors fuq imsemmi tat-18 ta' Ottubru 2010.

B'danakollu il-Qorti hi sodisfatta ta' l-anqas mill-utilita', jekk mhux ukoll mill-htiega, li jkollha quddiemha id-dokument KM8 imsemmi tenut kont partikolarment tal-fatt

li r-rikorrent intimat appellant dejjem sostna li fil-kapital pretiz mir-rikorrenti appellati jinkludi imghaxijiet komposti bit-tlettax fil-mija fis-sena u li kien gja hallas lill-appellati imghaxijiet komposti bl-istess rata liema imghaxijiet b'usura kellhom jigu kompensati mal-kreditu spettanti lill-atturi.

Din il-Qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, minkejja n-nuqqas ta' diligenza da parti tar-rikorrent li kellha twasslu sabiex ikun jista' jipproduci l-istess dokument fi stadju ferm qabel dak odjern, ghandha tippermetti l-produzzjoni tad-dokument KM8 anness mar-rikors fuq imsemmi a tenur tal-paragrafu (b) tal-artikolu 150(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, b'dan li fil-qtugh ta' l-ispejjez tal-kawza il-Qorti tiehu qies tad-dewmien li bih gie migjub id-dokument imsemmi.

In vista tal-konkluzjoni appena raggunta din il-Qorti ma hix ser tikkonsidra ulterjorment it-talba tar-rikorrent in kwantu bazata fuq il-paragrafu (d) tal-artikolu 150(1) fuq imsemmi.

**Provvediment**

Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talba tal-intimat appellant migjuba fir-rikors tieghu tat-18 ta' Ottubru 2010 u tawtorizzah jipproduci d-dokument markat Dok KM8 anness mal-istess rikors.

Spejjez ta' dan l-incident jibqghu a karigu tar-rikorrent, l-intimat appellant.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------